II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Marzu 2008

dwar l-għajnuna mill-Istat C 28/07 (ex NN 33/07) li l-Italja bi ħsiebha tagħti għall-investimenti f'żoni żvantaġġjati

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 831)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/400/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 88(2), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar dawn id-dispożizzjonijiet [1], u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

I. **PROĊEDURA**

(1) Fis-26 ta' Frar 2007 l-Italja adottat il-Liġi Nru 17/2007 [2], li tinkludi l-Artikolu, is-subparagrafu 4a tiegħu li jtawwal l-applikazzjoni għal skema ta' għajnuna reġjonali li tipprovdi krediti ta' taxxa awtomatiċi għal investimenti ġodda fiż-żoni assistiti ta' l-Italja, li kienu approvati mill-Kummissjoni [3] fl-2001 u fl-2002 u li skadew fil-31 ta' Diċembru 2006.

(2) Permezz ta' ittra ddatata s-7 ta' Marzu 2007 (D/50987), il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani biex jibagħtulha l-informazzjoni fir-rigward ta' l-Artikolu, is-subparagrafu 4a, tal-Liġi Nru 17/2007. L-awtoritajiet Taljani wieġbu lill-Kummissjoni b'ittra rreġistrata lill-Kummissjoni ddatata d-19 ta' Marzu 2007 (A/32387).

(3) Bl-ittra ddatata l-10 ta' Lulju 2007 [4], il-Kummissjoni infurmat lill-Italja bid-deċiżjoni tagħha biex tibda proċedura ta' investigazzjoni formali skond l-Artikolu 88 (2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-miżura skond l-Artikolu, is-subparagrafu 4a tal-Liġi Nru 17/2007.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinbeda l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [5]. Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-mizura kkonċernata.

(5) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mill-partijiet interessati.

(6) Bl-ittra ddatata l-24 ta' Lulju 2007 rreġistarata lill-Kummissjoni fil-25 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni kienet infurmata bil-ħsieb ta' l-awtoritajiet Taljani li jħassru l-miżura kkonċernata. Permezz ta' e-mail tad-9 ta' Ottubru 2007, l-awtoritajiet Taljani kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom u bagħtu abbozz ta' dispożizzjoni legali li tħassar il-miżura kkonċernata.

---

[1] ĠU C 187, 10.8.2007, p. 13.

[2] Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana n. 47 tas-26.2.2007.

[3] L-Għajnuna mill-Istat N 646/A/00 *"Crediti di imposta per gli investimenti nelle aree svantaggiate"* ("Krediti ta' taxxa għall-investimenti f'żoni żvantaġġati") (GU C 149 del 19.5.2001, pag. 11) u l-Għajnuna mill-Istat N 324/02 *"Credito d'imposta per gli investimenti nelle regioni ammissibili alla deroga di cui all'articolo 87, paragrafo 3, lettera a), del trattato e delle zone dell'Abruzzo e del Molise ammissibili alla deroga di cui all'articolo 87, paragrafo 3, lettera c)"*.

[4] Ittra tal-Kummissjoni C(2007) 3260 def.

[5] ĠU C 187, 10.8.2007, p. 13.

(7) Fit-23 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani biex jippreżentaw dispożizzjoni finali li tħassar il-miżura kkonċernata.

(8) L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw id-dispożizzjoni finali li tħassar l-Artikolu 4, is-subparagrafu 4a tal-Liġi Nru 17/2007 permezz ta' ittra li ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni fil-15 ta' Jannar 2008.

II. **DESKRIZZJONI TA' L-ISKEMA**

(9) L-għan tal-miżura kien biex ittawwal il-perjodu li matulu l-ispiża għall-investiment taħt skema għall-għajnuna reġjonali approvata, li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006, setgħet tinfetaħ.

(10) Skond l-iskema għall-għajnuna reġjonali (N646/a/2000), li kellha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp fir-reġjuni Taljani eleġibbli għall-għajnuna reġjonali skond il-pjan għall-għajnuna reġjonali għall-perjodu 2000-2006 ([1]) u li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2006, il-benefiċjarju kiseb id-dritt legali għal kreditu tat-taxxa billi wettaq investiment nett pożittiv li kien stabbilit fuq il-bażi ta' approċċ għall-kontabbiltà għall-ispejjeż eleġibbli li saru qabel l-1 ta' Jannar 2007. L-iskema oriġinali kienet emendata fl-2002 bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' riżerva baġitarja (*budgetary-cap*) li jinħtieġ li l-benefiċjarju japplika għal riżerva ta' fondi mingħand l-awtoritajiet tat-taxxa. L-emenda ma bidlitx id-data ta' l-iskadenza għall-iskema, u anqas ma bidlet il-limitazzjonijiet għall-ispiża li saret qabel l-2007.

(11) Billi adottaw l-Artikolu 4, is-subparagrafu 4a tal-Liġi Nru 17 tas-26 ta' Frar 2007, l-awtoritajiet Taljani estendew il-perjodu li bih l-ispiża setgħet issir sa l-2008.

III. **RAĠUNIJIET BIEX TINBEDA L-PROĊEDURA**

(12) Il-Kummissjoni tirreferi għat-Taqsimiet 4.1 u 4.2 tad-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura formali għall-investigazzjoni.

IV. **KUMMENTI TA' L-ITALJA**

(13) Fl-24 ta' Lulju 2007 l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li jneħħu l-miżura.

(14) Fid-9 ta' Ottubru 2007 l-awtoritajiet Taljani żguraw lill-Kummissjoni li l-miżura titneħħa permezz ta' l-Artikolu 3, is-subparagrafu 18 tal-Liġi dwar il-Baġit, 2008 approvata mill-Kunsill tal-Ministri fit-28 ta' Settembru 2007.

([1]) Ittra tal-Kummissjoni tat-13.3.2000 (ĠU C 175, 24.6.2000, p. 11) u ittra tal-Kummissjoni ta' l-20.9.2000 (ĠU C 105, 20.4.2002).

(15) B'segwitu għat-talba tal-Kummissjoni biex tkun sottomessa d-dispożizzjoni definittiva adottata li tneħħi l-miżura, fil-15 ta' Jannar l-awtoritajiet Taljani baghtu lill-Kummissjoni t-test ta' l-Artikolu 1, is-subparagrafu 65 tal-Liġi dwar il-Baġit l-2008 ([2]) li biha ġie mħassar l-Artikolu 4, is-subparagrafu 4a tal-Liġi Nru 17 tas-26 ta' Frar 2007.

V. **EVALWAZZJONI**

(16) L-Artikolu 1, is-subparagrafu 65, tal-Liġi tal-Baġit 2008 iħassar l-emendi għall-iskema legali oriġinali imdaħħla bl-Artikolu 4, is-subparagrafu 4a, tal-Liġi Nru 17/2007, jiġifieri b'hekk tneħħiet il-possibiltà li jittawwal iż-żmien għan-nefqa eleġibbla għall-investiment sa l-2008. Barra minn hekk, l-Artikolu 1, subparagrafu 65 tal-Liġi dwar il-Baġit 2008 jipprovdi wkoll għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' l-approprjazzjonijiet baġitarji tal-miżura ([3]).

(17) Minħabba li l-kreditu ta' taxxa akkumulat b'rabta ma' l-ispejjeż eleġibbli li saru fl-2007 jista' jiġi mitlub b'mod definittiv fil-mument tad-dikjarazzjoni fiskali għall-2007, fl-2008, fil-mument li din id-dikjarazzjoni tat-taxxa trid tkun sottomessa lill-aġenzija fiskali, ma jeżistu l-ebda bażi legali jew baġit għall-kreditu tat-taxxa.

(18) Għalhekk il-miżura saret nulla u bla effett, u l-ebda kreditu tat-taxxa ma jista' jingħata għall-ispejjeż li saru waru l-2006 fuq il-bażi tad-dispożizzjoni adottata mill-Artikolu 4, is-subparagrafu 4a tal-Liġi 17/2007.

VI. **KONKLUŻJONI**

Minħabba dak li seħħ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċedura formali għall-investigazzjoni li nbdiet skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward tal-prolungazzjoni ta' l-ispejjeż eleġibbli għall-investiment sa l-2008 hi bla bażi,

([2]) Art. 1, comma 65 Legge n. 244 del 24 dicembre 2007 - *Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato* (legge finanziaria 2008), Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana n. 300 del 28 dicembre 2007 (suppl.ord.) Testo ripubblicato nella Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana n. 10 del 12 gennaio 2008 (suppl.ord.).

([3]) Art. 1, comma 65: "*Il quinto periodo del comma 1 dell'articolo 8 della legge 23 dicembre 2000, n. 388, introdotto dal comma 4-bis dell'articolo 4 del decreto-legge 28 dicembre 2006, n. 300, convertito, con modificazioni, dalla legge 26 febbraio 2007, n. 17, è soppresso. In relazione a quanto previsto dal primo periodo del presente comma e in considerazione dell'effettivo utilizzo dei crediti d'imposta previsti dagli articoli 7 e 8 della legge 23 dicembre 2000, n. 388, le risorse finanziarie a tal fine preordinate, esistenti presso la contabilità speciale 1778 – Fondi di bilancio, sono ridotte di 1 500 milioni di euro. Le predette risorse sono versate al bilancio dello Stato nella misura di 450 milioni di euro per l'anno 2008 e di 525 milioni di euro per ciascuno degli anni 2009 e 2010*".

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu1

Minħabba li l-Italja neħħiet il-miżura, il-proċedura preżenti m'għadhiex valida u għalhekk il-każ hu magħluq.

Artikolu2

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Neelie KROES
Membru tal-Kummissjoni